MINUTI

KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SITTA

24 ta' Novembru, 2014

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Marylyn Sammut.

UFFIĊĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppesieda l-laqgħa.

6.1 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

6.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fir-rigward ta' punt 5.1.2, il-kuntrattur li ħadem Triq Dun Nard Mallia infurmana li x-xogħol sar skond il-livelli tal-MEPA u ġew approvati mill-perit tal-istess Kunsill. Hu ta stima ta' xogħol ta' scarifying ta' 60 metru tul ta' triq biex titneħħa l-inkonvenjenza li hemm bħalissa.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tistaqsi lill-Kuntrattur jekk kellux xi żball fuq il-kejl ta' 60 metru.

6.1.2 Fir-rigward ta' xogħol ta' manutenzjoni fuq l-istatwa ta' Santa

Marija f'Bubaqra, ċ-Chairperson qal li x-xogħol beda u qed jiġi rranġat ukoll id-dawl ta' quddiem l-istatwa.

F'dan il-punt il-membru Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta (ħin 18:00)

6.1.3 Ġew approvati l-minuti tal-ħames seduta ta' din il-leġislatura.

### *6.2 Ilmenti*

6.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li parking bay fi Triq Santu Rokku tinsab immarkata ħażin. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol meħtieġ.

Inġibded l-attenzjoni fuq li parti minn Triq Vincenz Caruana infetħet u li hemm bżonn li jsiru yellow lines fil-kantuniera. Kien hemm qbil fuq dan.

Iċ-Chairperson qal li hemm bżonn li tinkiteb ittra lil Transport Malta biex tinfetaħ parti oħra tal-istess triq sabiex din tkun aċċessibli għal kulħadd.

Kien hemm qbil fuq dan.

Il-membru Joseph D'Amato talab li s-siġar fi Triq San Martin jiġu miżbura. Kien hemm qbil fuq dan.

F'dan il-ħin il-membru Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta (ħin 18:00)

6.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia informa li fuq Memo 27/2014 – Skema fuq inizjattivi kulturali, l-Kumitat Amministrattiv applika għal 2 attivitajiet li huma – L-artiġjanar fiż-Żurrieq (18 t'April, 2015) u Tieġ Tradizzjonali Malti (9 ta' Mejju 2015).

### *6.3 Party tat-tfal tal-Milied*

6.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li beda jaħdem fuq il-party tal-Milied tat-tfal ta' Bubaqra li jsir kollu mill-isponsors li jinġabru.
Ġie maqbul dan li ġej:

Id-data tal-party tkun fid-29 ta' Diċembru, 2014.
Ħin bejn 16:30 sas- 19:00
Prezz 5Euro
Euro Caterers jgħamlu l-ikel
Bookings jintlaqgu sat-18 ta' Diċembru u ma jiġux aċċettati bookings wara din id-data.
Il-party ser ikun qed jilqa' tfal ta' bejn il 5 u 12 –il sena.
Il-post – Sala Aida Hall.

Entertainment – id-Dulli u Mario Entertainment.
Ninfurmaw lill-Green Pak biex jiġu jkellmu lit-tfal fuq ir-reċiklaġġ.

Għandhom isiru biljetti biex it-tfal iġibuhom magħhom fil-party ħalli jitqassmu r-rigali.

*6.4 Il-Kartolina tal-Milied*

6.4.1 Kien hemm qbil li titqassam kartolina tal-Milied lir-residenti ta' Bubaqra.

Kien hemm qbil ukoll li jiżdied l-isem tal-membru l-ġdid Kevin Sam Farrugia.

6.4.2 Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied bejn il-membri tal-Kumitat u l-istaff issir fid-9 ta' Jannar, 2015 minħabba li l-membri kollha jkunu mpenjati bl-attivitajiet. Din l-ikla ser issir fejn saret is-sena l-oħra fil-Marsa Sports and leisure club.

*6.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi*

6.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ressqet ilment fuq il-linji bla permess li hemm f'parti minn Vjal l-Indipendenza. Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li tali linji saru qabel ma beda l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

Kien hemm qbil li jitneħħew il-linji kollha li saru bla permess u jiġu avżati r-residenti b'ittra minn qabel ma jsir ix-xogħol fejn jiġu nfurmati li ser isir tali xogħol biex il-linji jkunu rregolarizzati mal-liġi.

6.5.2 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri infurmat lill-membri li kellha kliem ta' tifħir fuq il-mod kif qed tinżamm it-triq fejn qabel kien hemm il-bring in site.

Hi qalet li hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix ta' Triq Kalang Bugeja.

*6.5* *Appuntament għas-Seduta li jmiss*

6.5.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-6.40pm u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 15ta' Diċembru, 2014 fis-6.30pm.

Konfermati, illum ___ ta' Diċembru, 2014

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**